7 ta' Novembru, 1949

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Ferdinand Grima

**Offiża għall-Pudur u Morali Pubblika — Art. 223 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-liġi maltija, biex jirrikorri r-reat ta' offiża għall-pudur jew morali pubbliku, ma teżiġix li jiġu kommessi speċifikatament atti ta' libidini jew impudiċi, jew osxeni, imma tirrikjedi sempliċement atti li joffendu l-pudur jew il-morali; b'mod li għall-eżistenza ta' dan ir-reat huwa biżżejjed li l-att ikun tali li joffendi s-sens tad-deċenza.*

*L-element intenzjonali hu soddisfatt jekk l-att offensiv tad-deċenza ikun volontarju, bla ma jeħtieġ id-dolo speċifiku.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha lill-imsemmi Grima ġie imputat li fl-Empire Stadium, il-Gżira, fit-8 ta' Mejju 1949, għal xi l-erbgħa u nofs ta' wara nofs in-nhar, offenda l-pudur u l-morali f'post pubbliku;

*Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta* tat-12 ta' Lulju 1949, li biha Grima ostab ħati u ġie kundannat għall piena tal-priġunerija għal żmien għaxart ijiem u għall-piena tal-multa ta' £5;

Rat ir-rikors li bih il-kundannat appella u talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsetċmnija, u l-ħelsien tiegħu minn kull imputazzjoni u piena;

*Omissis;*

Irriflettiet;

Il-Prosekuzzjoni ssostni li fil-waqt li kienet tintlagħab partita football f'li stadium, l-imputat niżel fi spazju taħt il-bankijiet, li huma skalati, u xegħel torch taħt id-dublett ta' xi nisa spettaturi, tant li idu messet ma' l-irkobba ta' waħda minnhom, Q........, J.........;

L-att inkriminat jaqa' taħt l-art. 223 Kap. 12, kif hemm fl-ewwel sentenza. Infatti, il-liġi maltija, bħal liġijiet oħra kontinentali, evitat l-ispeċifikazzjoni ta' attijiet ta' libidini jew impudiċi, jew oxxeni, u kkuntentat bil-lokuzzjoni ta' "att li joffendi l-pudur jew il-morali". Għalhekk *bizzejjed li l-att ikun tali li joffendi* s-sens tad-deċenza. L-element intenzjonali hu soddisfatt jekk l-att offensiv tad-deċenza jkun volontarju, bla ma jeħtieġ id-dolo speċifiku;

Mill-eżami tal-prov; l-Qorti waslet għal konklużjoni konformi għal dik tal-Maġistrat........... Mistoqsi mill-Pulizija għalfejn kellu t-torch, Grima qal li *jużaha għall-motor cycle:*

Din il-Qorti tħossha persważa minn dawn il-provi, li, filfehma tal-Qorti, ma ġewx indeboliti bix-xhieda ta' l-imputat;

Għalhekk l-appell hu miċħud u s-sentenza konfermata.